MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 165/1996/1

**Citazzjoni numru 165/1996**

**Lawrence Fava**

**-vs-**

**Maria armla ta' Guzepp Muscat, Francesco u Maria Dolores konjugi Cutajar u b'digriet tat-13 ta' Awissu 1996 gew kjamati fil-kawza Joseph u Mary Jane konjugi Muscat**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur wara li ppremetta illi huwa proprjetarju tal-karozza tat-tip Renault (Numru tar-registrazzjoni IAB-609).

Illi fis-27 ta' Settembru 1995, l-attur ipparkja l-vettura tieghu mal-genb tat-Triq Xabbata f'Sannat, Ghawdex ezattament quddiem il-fond bin-numru 19, Xabbata Street, Sannat, Ghawdex, proprjeta' tal-konvenuti.

Illi f'hin minnhom waqghet parti mill-faccata tal-fond hawn fuq imsemmi bin-numru 19, Triq Xabbata, Sannat, Ghawdex u sfat danneggjata l-vettura tieghu hawn fuq imsemmija (IAB 609) u fiha saru hsarat estensivi, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-kawza;

Illi l-istess hsara giet ikkawzata tort u htija tal-konvenuti li ma zammewx il-fond taghhom hawn fuq imsemmi fi stat tajjeb ta' riparazzjoni u manutenzjoni.

Talab li dina l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara illi l-konvenuti huma unikament responsabbli ghall-hsarat sofferti mill-attur fil-vettura tieghu (Numru IAB 609);

2. konsegwentement tillikwida d-danni sofferti mill-attur minhabba l-incident hawn fuq imsemmi, liema danni jikkonsistu sewwa f'hsarat ingenti fil-vettura tieghu, hawn fuq imsemmija kif ukoll fi kwalita' ta' *lucrum cessans* u telf ta' xoghol, u dana okkorrendo permezz ta' perit nominat ghall-istess fini.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhalsu lill-attur id-danni kollha hekk sofferti u likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra bonarja tal-20 ta' Marzu 1996 u bl-ingunzjoni ta' l-istess konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharkin.

Bl-imghaxijiet ukoll skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur, l-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti.

Rat id-digriet taghha diversament preseduta tat-13 ta' Awissu 1996 li bih ammettiet il-kjamata fil-kawza ta' Joseph u Mary Jane konjugi Muscat;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. illi fl-ewwel lok qieghed jigi eccepit li l-konvenut Francesco Cutajar ma hux il-proprjetarju tal-fond fi Triq Xabbata, Sannat, indikat fic-citazzjoni u ghalhekk din ic-citazzjoni in kwantu giet ukoll spedita fil-konfront tieghu saret inutilment.

2. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-jedd u fil-fatt u dan peress illi ma kellhom ebda htija ghall-incident imsemmi mill-attur u bl-ebda mod ma naqsu li jzommu l-proprjeta' taghhom fi stat tajjeb. Infatti kif jigi ppruvat fid-dettal fil-kors tal-kawza, il-kagun ta' dan l-incident ma kienx xi nuqqas da parti ta' l-esponenti li josservaw xi obbligu li l-attur qieghed jippretendi li kellhom fil-konfront tieghu.

3. Illi l-hsara hija konsegwenza ta' fatturi estranei u forza magguri li ghalihom m'ghandhomx iwiegbu l-atturi.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess il-hsara giet ikkagunata konsegwenza ta' xoghlijiet strutturali li saru minn certu Joseph u Mary Jane Muscat fil-proprjeta' adjacenti ghal dik tal-konvenuti Maria Muscat u Maria Dolores Cutajar.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Joseph u Mary Jane konjugi Muscat fejn eccepew:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fir-rigward taghhom u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-kjamati fil-kawza m'humiex responsabbli ghad-danni de quo.

B’riserva ta’ eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dijkarazzjoni guramentata taghhom u l-lista tax-xhieda.

Ezaminat il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni u rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-azzjoni hija l-*actio akwiljana* fejn l-attur qieghed jirreklama danni subiti fil-vettura tieghu, kemm ta’ *lucrum cessans* u kemm ta’ *dannum emergens*, kkagunati minn cediment ta’ parti mill-faccata tal-fond 19, Triq ix-Xabbata, Sannat.

Il-fatti kif jemergu mill-provi juru illi l-attur fil-gurnata in kwistjoni kellu l-vettura tieghu pparkeggata f’din it-triq, li fiha huwa ghandu ukoll r-residenza tieghu. M’hemmx dubbju li kemm f’dik il-gurnata partikolari kif ukoll fil-granet li pprecedewha kienet ghamlet ammont konsiderevoli ta’ xita ‘l fuq min-normal. Id-danni jikkonsistu filli l-gebel li ceda mill-faccata tal-fond fuq riferit spiccaw in parti fuq il-vettura u kkagunawlha danni konsiderevoli. Jirrizulta wkoll mill-provi li f’dan il-fond toqghod l-attrici Maria armla ta’ Guzepp Muscat, anzjana ta’ 80 sena, li tabita l-post wahidha. Issa jirrizulta li meta akkada c-cediment, kif inghad, kienet infethet inkjesta magisterjali li fiha kien gie nominat il-perit arkitett Guido Vella bl-inkarigu li jaghmel pjanta tal-post fejn gara l-incident, jigbor ix-xhieda u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha relevanti. Fil-kors tal-proceduri dan ir-rapport gie esebit u jirrizulta folio 82 et seq u hu l-uniku rapport mil-lat tekniku li jinsab fl-atti. Ai fini ghalhekk ta’ dan il-gudikat mill-aspett tekniku l-Qorti ser tistrieh fuq l-osservazzjoniiet maghmula f’dan ir-rapport stante li, apparti li l-produzzjoni tieghu qatt ma giet kkontestata, kwindi jifforma parti mill-atti u l-provi prodotti fil-kawza, l-kostatazzjonijiet hemm maghmula saru a *tempo vergine*.

Illi qabel xejn pero', mil-lat purament legalistiku, huwa fatt inkontrovertibbli li l-prova tispetta primarjament lill-attur li jiddimostra li d-danni sofferti lill-vettura tieghu gew kkagunati tort tal-konvenuti u/jew, fil-kaz in dizamna, tal-kjamat in kawza. Ghandu l-attur l-obbligu li jipprova n-ness ta' kazwalita' bejn il-fatt kolpuz u l-konsegwenza dannuza. Il-kolpa fil-konvenuti jew min minnhom fit-termini ta' l-Artikolu 1032 ghandha necessarjament tigi pruvata nkella topera l-accidentalita' jew il-forza magguri.

Illi f'dan il-kaz l-artikoli tal-Kodici Civili rilevanti ghall-kaz huma s-segwenti:

- l-Artikolu 1029 li jipprovdi li "kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara;

- l-Artikolu 1030 li jipprovdi li kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx, ghall-hsara li tigri b'dan l-uzu;

- l-Artikolu 1031 li jistqarr illi kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu;

- l-Artikolu 1032 li jipprovdi li

(i) jitqies fi htija kull min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja; [izda]

(ii) hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar;

- l-Artikolu 1041 li jistqarr li sid bini jwiegeb ghall-hsara li ssir mit-tigrif tal-bini, meta dan it-tigrif jigri minhabba nuqqas ta' tiswijiet, jew minhabba difett tax-

xoghol tal-bini, izda dan kemm-il darba s-sid kien jaf b'dak id-difett, jew kellu ragun jahseb li dak id-difett kien jezisti.

Ezaminati l-provi fil-kuntest ta' l-artikoli su citati din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-ebda htija ma tidher li tista' tigi addossata fuq il-konvenuti jew min minnhom u dan minhabba r-ragunijiet segwenti:

a. li mir-rapport ta' l-espert tekniku nominat fl-inkjesta magisterjali jirrizulta li l-fond in kwistjoni kien isirlu manutenzjoni regolari ghal dak li hu l-bejt tieghu;

b. li huwa fatt assodat li fil-granet ta' qabel l-incident kif ukoll fil-gurnata meta sehh ic-cediment ghamlet xita ghal sighat twal, barra min-normal, kif xehed l-ufficjal meterjologu;

c. li din ix-xita kontinwa, fil-fehma tal-perit tekniku, kienet il-fattur uniku u primarju li wassal ghac-cediment u l-konsegwenzjali danni.

d. li l-Qorti ma sabet ebda kawza imputabbli lill-konvenuti jew minnhom u/jew il-kjamati in kawza ghad-danni sofferti mill-attur;

e. li ma rrizultax li kien hemm xi sinjal ta' deterjorazzjoni fil-hajt tal-fond li ggarraf;

f. li ghalhekk ic-cediment kien dovut ghall-fattur "imprevedibbli" li tesawtora kull htija fil-konvenuti u/jew il-kjamati in kawza.

Ghaldaqstant u nghad dan it-talbiet ta' l-attur ma jistghux jintlaqghu u konsegwentement qeghdin jigu respinti bl-ispejjez kontra tieghu.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------